**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Novembru, 2015**

**Rikors nru: 171/2015 MLF**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Gordon Stanley Borg**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta attrici fejn talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, disa' mija u tlieta u tmenin Euro u sitta u disghin centezmu (€4,983.96) bilanc ghad-debitu fil-"Consumer Loan Account" tieghu mas-socjeta attrici (Dok "A1 sa A2"), flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-27 ta' Frar, 2015 sad-data tal-effettiv pagament, liema loan giet moghtija lilu permezz ta' skrittura privata datata 19 ta' Lulju, 2012 (Dok "B").

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata (Dok "B") partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Gordon Stanley Borg (a) naqas milli ihallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess

konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Novembru 2014 (Dok C) u tal-mandat ta' sekwestru li gie prezentat kontestwalment mar-rikors promotur, kontra l-konvenut.

Rat in-nota tal-konvenut, ipprezentata fl-ewwel seduta, u cioe dik tad-9 ta' Novembru, 2015, li biha l-istess konvenut ammetta t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fir-rikors promotur.

Rat l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti ezebiti.

In vista ta' dak premess, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, disa' mija u tlieta u tmenin Euro u sitta u disghin centezmu (€4,983.96), flimkien mal-imghax ulterjuri mis-27 ta' Frar 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Novembru 2014 u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mar-rikors promotur, ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**